**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D; Barrister-at-Law (England & Wales)**

**Illum id-9 ta' Marzu 2022**

**Kaz Numru 270/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Raymond Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Raymond Sciberras ta' 51 sena, mwieled Tas-Sliema, nhar it-30 ta' April 1967, bin Anthony u Rose nee' Sammut, resident 120, Triq ir-Rebha, Gzira, detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 233467(M)

Akkuzat talli ghall-habta ta bejn it-08:30 ta' bil-lejl u d-08:45 ta' bil-lejl tad-09 ta' Ottubru 2017 gewwa Triq ir-Rebha, Sliema:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Caroline Brincat skond kif iccertifikat Dr C Mercieca tac-centru tas-sahha tal-Gzira; (art. 216)

2. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara ta' mobile tal-ghamla Xiaomi ghad-detriment ta' Caroline Brincat u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn mitejn u hamsin euro (250); (art. 325(1)(c)).

Akkuzat ukoll talli ghall-habta tad-09:00 ta bil-lejl tad-09 ta Ottubru 2017 gewwa l-ghassa tas-Sliema:

3. Ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qeghdin jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-pulizija Pc64 Tonio Sultana u Pc8 Tyrone Bugeja (art. 95).

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat Generali

ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udejenza tas-7 t'Ottubru 2019 li l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga' tisma lix-xhieda kollha prodotti minn din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [3]

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar is-7 ta' Frar 2019.[4]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar it-18 ta' Jannar 2022.[5]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, prodotti u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal incident li kien sehh ghal nhar id-9 t'Ottubru 2017 meta l-imputat kien mar ir-residenza fejn tghix is-siehba tieghu gewwa l-

[1] Folio 13 ta' l-atti processwali
[2] Folio 43-45 ta' l-atti processwali
[3] Folio 42 ta' l-atti processwali
[4] Folio 38 ta' l-atti processwali
[5] Folio 115 ta' l-atti processwali

Gzira u kellhom argument jahraq bejniethom fejn gew fl-idejn u s-siehba soffriet griehi gravi. Meta l-pulizija attendew fuq il-post wara li gew infurmati dwar il-glieda, l-imputat kien agressiv u kellu jigu ordnat l-arrest tieghu. Sussegwentement, ittiehed l-ghassa fejn baqa ghaddej bl-imgieba hazina tieghu fil-konfront tal-pulizija.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 xehdet il-*parte civile* **Caroline Brincat**. Hija stqarret li lill-imputat ilha tafu minn mindu kellha tlettax-il sena u kienu gharajjes u hassru. Wara ghoxrin sena, regghu ltaqghu u bdew johorgu flimkien bejn wara ftit bdew jghixu flimkien. Fl-ahhar t'Ottubru 2017 hija telqet minhabba diffikultajiet fir-relazzjoni izda wara ftit irrangaw l-affarijiet ta' bejniethom u ghalhekk, ma xtaqitx tixhed ulterjorment dwar incidenti passati.

Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2018, xehed **l-Ispettur Jonathan Ransley**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Tas-Sliema fejn huwa spjega li fid-9 ta' Ottubru 2017 gie nfurmat li kien hemm kwistjoni ta' vjolenza domestika fejn l-imputat Raymond Sciberras kienattakka lill-partner tieghu Caroline Brincat. Ix-xhud kien gie nfurmat ukoll li l-imputat kien aggressiv mal-Pulizija fejn ippruvaw jikklamawh izda baqa' jheddidhom. Minhabba dan il-fatt, ix-xhud kien ta struzzjonijiet biex izommuh arrestat sakemm jigi f'sensih. Ix-xhud kellem lill-

imputat dwar il-kaz ta' Caroline Brincat fit-2 ta' Marzu 2018 fejn huwa kien ghazel li ma jezercitax id-dritt tal-avukat u kien ghazel li ma jwiegebx ghad-domandi li sarulu fil-kors tal-istqarrija.

L-Ispettur Ransley rega' ha l-pedana waqt is-seduta tal-5 t'Ottubru 2021 fejn huwa ezebixxa sitt ritratti li kienu gew migbuda mis-Surgent Ramon u juru l-affarijiet imkissra fid-dar tal-imputat minn Caroline Brincat u l-*windscreen* tal-karozza. Dawn huma ezebiti a Fol.115.

Fl-istess seduta xehed **PC 64 Tonio Sultana**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta. Huwa spjega kif fid-9 t'Ottubru 2017, huwa flimkien ma PC 8 Tyrone Bugeja gew imsejjha fi Triq ir-Rebha, Il-Gzira, fejn mill-Control Room kienu avzaw li kien hemm persuna ta' sess maskili qed ihabbat ma xi bieb u li aktarx ghandu oggett bil-ponta. Hekk kif waslu fuq il-post, kellimhom persuna maskili li qalilhom li l-aggressur kellu mqass f'idu u kien irnexxielu jehodulu. Irrizulta li l-persuna li kien qed ihabbat mal-bieb kien Raymond Sciberras li huwa seta' jaghraf fl-awla. Dan Sciberras beda jipprova jidhol biex jahbat ghall-mara tieghu li keient gewwa r-residenza 120, Triq ir-Rebha. Ix-xhud spjega li ghalkemm bdew jipprovaw jikkalmawh, l-imputat ma riedx jikoopera u ghalhekk kellu jigi arrestat, fejn ankè beda jirrezisti l-arrest u beda jidghi u jghajjat kemm jiflah. Meta gie sottomess u mdahhal fil-karozza, l-imputat beda jhedded lix-xhud l-ewwel li ser jobzoqlu f'wiccu u imbaghad li meta johrog, ser isibu lilu u lil familja tieghu barra u jpattiehilhom. Hekk kif gie mdahhal gewwa l-ghassa ta' Tas-Sliema, beda jsir aktar aggressiv u beda jhabbat rasu mal-hajt. F'hin minnhom xorta irnexxielu jobzoq lix-xhud f'wiccu.

Il-kontro-ezami tax-xhud sar fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020. Huwa spjega illi l-RIU hadet azzjoni fuq il-kaz in segwitu ta' rapport mill-control room fis-sens

li kien hemm ragel bi strument bil-ponta qed jipprova jidhol ghall-mara. Meta waslu fuq il-post irrizulta li ma kellux strument bil-ponta fuqu. Ix-xhud ikkonferma li fuq il-post kien hemm terza persuna qed jiprova jzomm lill-imputat izda bil-konfuzjoni, ma jidhirlux li kienu ttiehdu d- dettalji tieghu. Lanqas ma kien jaf id-dar in kwistjoni ta' min kienet ghax skont hu, il-mertu tar-rapport kien il-ksur tal-ordni pubbliku. Ix-xhud ma eskludiex li dak il-hin l-imputat kellu xi griehi ma' wiccu izda zgur li ma kienx qed jipprotesta habba xi griehi imma ried jidhol gewwa b'sahha kbira. Kien hemm ukoll mara fil-gallarija tal-istess residenza li bdiet tghid li ma ghandux jithalla jidhol gewwa. Skont ix-xhud, l-imputat gie mgharraf bir-raguni tal-arrest u gie moghti s-soliti drittijiet ezatt kif iddahhal l-Ghassa ta' Tas-Sliema. Qabel kien impossibbli li tirraguna mieghu tant kien agitat. L-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz tkomplew mill-Pulizija tad-distrett u mhux mill-RIU.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 8 Tyrone Bugeja**, illum stazzjonat fir-Rapid Intervention Unit. Huwa kkonferma li nhar id-9 t'Ottubru 2017 kien ghassa ta' bil-lejl flimkien ma PC 64 Tonio Sultana u ghall-habta tat-20:30hrs, dahal rapport mill-control room hemm persuna ihabbat fuq bieb ta' residenza fi Triq ir-Rebha, Il-Gzira. Kif waslu fuq il-post, sabu persuna, li wara rrizulta li kien l-imputat, qed ihabbat u jghajjat u ppruvaw ikellmuh u jwaqqfuh. Huwa ried jidhol ghall-mara tieghu fir-residenza u minhabba li ma bediex jikoopera, kien hemm bzonn li jigi arrestat. Meta gie mghobbi fil-karozza, PC 64 rikeb mieghu fuq wara u waqt it-triq sal-ghassa l-imputat kellna narrestawh. Meta dahhalnieh fil-karrozza tas-servizz PC 64 tela' mieghu fuq wara u waqt it-triq sal-Ghassa ta' Tas-Sliema beda jheddu bil-familja u li ser ipattihielu. Sahansitra ankè bezaqlu f'wiccu hekk kif waslu gewwa l-ghassa. Tant kien qed jagixxi bla kontroll li PS 928 kellu jorbtu mal-poggaman tat-tarag tal-

Ghassa biex ma jweggax lilu nnifsu. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li meta marru jigbru lill-imputat mill-Gzira, kienu hu, PC 8 kif ukoll PS 487.

Il-kontro-ezami tax-xhud tkompla fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020. Mistoqsi jekk fil-mument li acceda fuq il-lok kienx investiga jekk il-bieb li fuqu kien qed ihabbat l-imputat kienx tad-dar tieghu stess jew inkella ta' haddiehor, ix-xhud wiegeb illi f'dak l-istadju ma kienitx saret tali investigazzjoni. In rigward tal-persuna li kien hemm gewwa d-dar, ix-xhud stqarr illi huwa seta jismaghha izda ma setghax jaraha. Muri ritratti in atti sabiex jidentifika liem kien il-bieb in kwstjoni, ix-xhud identifikah bhala dak li jidher f' Dok. RS2. Eskluda illi dak il-hin l-imputat Raymond Sciberras kellu xi dmija ma' wiccu hdejn ghajnejh. Lanqas ma jidhirlu li l-imputat beda jilmenta minn ugiegh f'ghajnejh u li diga ma jarax minn ghajn minnhom.Stqarr ukoll li apparti r-rapport dwar storbju fit-triq, huwa ma kienx jaf aktar mill-istorja ta' xkien qed jigri. In rigward tal-arrest tal-imputat, skont ix-xhud, l-imutat kien agitat hafna u f'dak l-istadju ma kienx infurmat dwar xiex kien qed jigi arrestat imma sempliciment gie mdahhal fil-karozza u mehud l-Ghassa. Gewwa l-Ghassa huwa gie mghoddi lil Pulizija tad-distrett u kien biss wara xi ghoxrin minuta jipprovaw ikellmuh u jirragunaw mieghu li kien hemm bzonn jigi marbut mal-hadid tat-tarag minhabba li kien wisq agitat.

Fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2021 xehed **Dr Jan Janula**, konsulent oftalmologu. B'referenza għad-dokument eżebit a Fol 76, spjega li dan huwa *discharge letter* fir-rigward tal-imputat Raymond Sciberras, li kien ġie operat f'għajnejh wara li kien waqa' u sofra ġrieħi fil-wiċċ u fl-għajn. Għalkemm saret l-operazzjoni,

il-vista mill-għajn affettwata baqgħet kompromessa tant li kważi ma għad għandha l-ebda funzjonabbilita`.

Fl-istess seduta xehed **l-imputat Raymond Sciberras**. Stqarr li fil-prezent qed jahdem bhala gardinar fil-Kitchen Garden. Qal li Caroline Brincat kienet ilha habiba tieghu u ghamlu zmien jghixu flimkien fid-dar tieghu, 120 Triq ir-Rebha, Il-Gzira. Dan kien ghall-habta t'Ottubru 2017. Brincat kienet qed toqghod ghandu minhabba li kienet ghaddeja minn dipressjoni f'dak iz-zmien. Spjega li frott tal-kundizzjoni li kellha, l-imgieba ta' Brincat kienet erratika u kienet gieli taghmel hinijiet twal rieqda. Fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien xoghol u wara li spicca, ghall-habta tas-19:00hrs, waqaf jiehu tnejn birra ma' kollega. Filwaqt huwa rcieva telefonata minghand Caroline Brincat tindaga fejn kien baqa'. Meta wasal id-dar ma kien hemm hadd u meta mar ghand ommu, li kienet toqghod faccata, sab lill-Brincat qeghda hemmekk fejn din infexxet tirrabja mal-imputat u sahansitra imbuttatu. Waqt id-daghdiha, Brincat qabdet xi oggett u waddbitulu ghal wiccu fejn laqtitu taht ghajnejh. Bil-qasma beda jnixxi d-demm u l-imputat irvilla ghax dik kienet l-ghajn it-tajba. Ghadda biex kecca lil Brincat 'il barra, fejn din bdiet twerzaq u tghajjat. Skont omm l-imputat, Caroline Brincat kienet ikkunsmat pilloli flimkien ma' xorb alkoholiku ftit qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Wara ftit waslu l-pulizija fuq il-post li arrestaw lill-imputat. L-imputat ikkonceda li l-imgieba tieghu f'dak il-waqt kienet xi ftit jew wisq agitata u fi kliemu, dan kien minhabba l-griehi li sofra hdejn ghajnejh. L-imputat ipprotesta mhux ftit mal-pulizija minhabba li kien hu li spicca arrestat meta ma kien ghamel xejn u minkejja li kien spjegalhom li kellu bzonnijiet specjali. Stqarr li gie mehud fl-Ghassa ta' Tas-Sliema u manettjat mal-poggaman tat-tarag. Minhabba dan it-trattament kien beda jghid li kien ser jaghmel post fuq *Facebook* biex jikxef kollox. Ilmenta partikolarment ma Surgent jismu "Ramon". Eventwalment gie

mahlul minn mat-tarag u qaghad bil-qieghda. Il-pulizija qalulu li Caroline Brincat kienet kissret xi oggetti fid-dar tieghu u ghal dan il-ghan, akkumpanjawh lura d-dar biex jigu elenkati l-affarijiet miksura. Wara ttiehed fic-centru tas-sahha tal-Furjana minhabba l-griehi f'wiccu u anke` t-tbengil li sofra f'idu meta kien manettjat mat-tarag. Spjega li huwa persuna b'dizabilita` minhabba li ghandu ghajn wahda mifqugha u ma jara xejn minnha. Minhabba dan ghandu ukoll il-*Blue Sticker* mahruga mill-KPD. In kontro-ezami stqarr li ma kienx jaf min kien cempel lill-pulizija u qabel li kien hareg lill-Caroline Brincat 'il barra mid-dar u dan wara li tefghatlu cavetta ghal wiccu. F'dak il-hin, fi kliemu, kien mahkum minn paniku kbir. Cahad li kien fi stat ta' sokor u anke li b'xi mod kien offenda lill-pulizija. Ikkonferma li huwa kien hafer lil Caroline Brincat fil-mori tal-proceduri li kien hemm kontra taghha.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Illi l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' dak li gie vverbalizzat fl-udjenza ta' nhar is-16 ta' Mejju 2018.[6]

Illi fir-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjoni l-Qorti wara li semghet ix-xhieda tal-parte civile Caroline Brincat u wara li rat il-proviso ta' l-artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi ordnat li jitwaqqfu l-proceduri fir-rigward l-ewwel imputazzjoni.

L-istess Qorti ivverbalizzat li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti wara li rat il-proviso fl-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u hadet konjizzjoni tal-kwerela ta' Caroline Brincat sejra biex fic-cirkostanzi din il-procedura eventwalment tigi estinta.

[6] Folio 15 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant din il-Qorti in vista ta' dak kollu msemmi hawn fuq m'ghandiex ghalfejn tannalizza l-provi stante li fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet mhijiex jew ma tistax tinstab htija.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

Illi l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).*

Mix-xhieda ta' PC64 Tonio Sultana jirrizulta li kienu mar residenza gewwa l-Gzira minhabba rapport li kien dahhal. Meta ppruvaw jikalmawh u jikkonvincuh lill-imputat biex jikkalma ma riedx jisma u jobdi l-ordnijiet tal-pulizija, tant li kellu jordna l-arrest tieghu. Meta marru biex jarrestaw lill-imputat irrezista l-arrest u baqa aggressiv. Wara li arrestaw, l-imputat baqa bl-imgieba hazin lejn il-pulizija u beda jheddidhom li ppatielhom, jitkellem oxxen, u anke prova jobzqilhom go wicchom.

Wara li kien wasslu gewwa l-ghassa ta' Tas-Sliema, l-imputat baqa ikun aggressiv mal-pulizija u ma rridx jikkopera, tant li beda jhabbat rasu mal-hajt u bezaq f'wicc ix-xhud.

Din l-imgieba kollha gie ikkonfermata u kkoroborata mix-xhud PC8 Tyrone Bugeja u l-Ispettur Jonathan Ransley.

Ghaldaqstant din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni ppruvat taghha sal-grad rikjest mil-ligi u sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' din il-imputazzjoni

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi l-Qorti ma tista qatt tapprova dan l-agir fil-konfront tal-pulizija li ta' kuljum jattendu ghax-xoghol sabiex jiproteggu lis-socjeta. Il-pulizija ma ghandhiex, fil-kors ta' hidmietha, tigi assoggettata ghal dan it-theddid personali, wisq inqas li xi hadd jobzqilha f'wiccha. L-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, effettivament, ifittex li jippunixxi lil kull min jikser din il-protezzjoni li l-ligi stess taghti lill-membri tal-korp tal-pulizija (fost ufficjali pubblici ohra). Di piu', jidher li l-imputat, tul il-procedura kollha, qatt ma wera ebda dispjacir jew rimors ghall-agir tieghu. Lanqas qatt m'offra jew ta apologija lill-pulizija ghall-imgieba tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 325(1)(c) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill Raymond Sciberras:

Hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum skont l-Art. 22(1) tal-Kap 446 kif ukoll tikkundannah ghal multa ta' elf Euro (€1,000).

Fir-rigward ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dawn il-proceduri huma estinti u ezawriti.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum taht penali ta' elf euro (€1,000).

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza skont l-Art. 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fi kliem car u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Marzu 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**